# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 8/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**TG**

**vs**

**PG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' TG, datat 8 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-Tnejn u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf mija tnejn u tmenin (22/05/1982) (Ara Dok 'A' anness), u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied, A u R, illi llum huma lkoll maggorenni u ghandhom iktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena ;*

*Illi l-partijiet ilhom legalemnt separati b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili sa mid-disgha u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija u tmenin (29/04/1987) (Ara Dok 'B' anness) ;*

*Illi fl-istess sentenza, kien gie deciz illi l-konvenut ddekada mid-dritt tieghu illi jitlob u jircievi manteniment minghand ir-rikorrenti (Ara Dok 'B', pagna 2), u ghaldaqstant m'hemm ebda manteniment jew arretrati dovuti lilu ;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn wiehed u tletin (31) sena mifrudin, illum*

*ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;*

*Illi dawn l-fatti hawn fuq imsmemija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divrozju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Illi stante l-fatt illi r-rikorenti mhux ser tkun tista tattendi ghas-smiegh tal-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti, hija qed tikkonferma l-fatti kontenuti f'dan ir-rikors permezz ta' affidavit, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok 'C' ;*

*Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-partijiet ;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' PG, datata 18 ta' Marzu 2019, a fol 15, li taqra hekk:

*Illi l-fatti hekk kif elenkati mir-rikorrenti jaqblu ma dawk hekk kif jafhom l-esponent;*

*Illi bejn il-partijiet ma jezisti ebda obbligu ta' manteniment;*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn tletin sena;*

*Illi dawn il-fatti lkoll jissudisfaw il-kundizzjonijiet hekk kif stipulati taht l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant mhemm l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**TG** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Mejju 1982 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fid-29 t'April 1987 permezz ta' sentenza moghtija mill'Prim'Awla tal-Qorti Civili. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum il-gurnata mhux biss huma maggorenni izda ghalqu it- tlieta u ghoxrin (23) sena. Spjegat illi l-intimat iddekada mid-dritt tieghu li jitlob u jircievi manteniment, u ghalhekk m'hemm l-ebda manteniment jew arretrati ta' manteniment dovuti lilu. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn wiehed u tletin (31) sena, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**PG** xehed *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Mejju 1982 (vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, mhux biss huma maggorenni izda ghalqu it- tlieta u ghoxrin (23) sena;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata 29 ta' April 1987 (vide Dok.B 4 et seqq.) u li ilhom aktar minn wiehed u tletin sena (31) ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi mifhum illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn wiehed u tletin (31) sena, ma hemmx prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**